MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 2554/2002

**Middle Sea Insurance Plc u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Giuseppe Maria Ellul Sullivan skond il-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi**

**Vs**

**Malcolm Mifsud u Theresa Grech**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm1,198.18c (elf mija u tmienja u disghin lira Maltin u tmintax-il centezmu) rapprezentanti bhala danni wara l-incident tat-traffiku msemmi fl-istess Avviz. Inoltre, s-socjeta' attrici qed issejjah il-konvenuta Theresa Grech biex tassumi responsabilita' mal-konvenut Malcolm Mifsud u dan stante li bhala sid il-vettura KBA 162, hi tat permess lill-konvenut isuq il-vettura msemmija avolja kienet taf li mhux suppost u li inoltre l-vettura msemmija ma kienetx

koperta minn polza ta’ l-assigurazzjoni stante li kienet skadiet xhur qabel.

Ra r-Risposta ta’ Malcolm Mifsud fejn ighid li:

- Din il-kawza ghandha tigi respinta minhabba li l-azzjoni hija preskritta bi trapass ta’ aktar minn sentejn.

- Li hu ma kkawza ebda dannu lil Giuseppe Maria Ellul Sullivan, u

- Li t-talba hija wahda esagerata.

Ra li Theresa Grech baqghet kontumaci.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn Malcolm Mifsud ighid li kien nizel f’Regional Road, ma setax iwaqqaf il-vettura u baqa’ diehel fil-vettura ta’ quddiemu TFD 588 ta’ Giuseppe Maria Ellul Sullivan. Giuseppe Maria Ellul Sullivan ighid li kien wieqaf jistenna t-*traffic lights* jaqilbu ahdar meta l-vettura tal-konvenut baqghet diehla fil-vettura tieghu.

Il-konvenut kien qed isuq minghajr licenzja u l-karozza msemmija ma kienetx koperta minn polza ta’ l-assigurazzjoni stante li din kienet skadiet xhur qabel.

Ra s-seduta tas-17 ta’ Novembru, 2003 li fiha xehed is-Surgent Alex Grech fejn ighid li mexxa l-vetturi minhabba li kienu perikoluzi u jikkonferma li nizzel kollox kif qalulu l-partijiet.

Ra s-seduta tas-17 ta’ Marzu, 2004 li fiha xehed Giuseppe Maria Ellul Sullivan fejn ikkonferma li qal fir-*Road Accident Report* u zied li l-konvenuti hargu mill-vettura u telqu ‘l hemm. Jikkonferma li l-iskizz huwa tajjeb.

Ra x-xhieda ta’ Rosette Calafato, Claims Handler mas-socjeta’attrici fejn esebiet dokumenti in konnessjoni ma’ l-istess kawza.

**Ikkunsidra**

Li m'hemmx dubju li l-konvenut Mifsud kien responsabbli ghall-habta in kwistjoni fil-fatt lanqas jikkontesta dan fir-Risposta tieghu.

Il-konvenuta Theresa Grech naqset li tikkontesta t-talba attrici.

Illi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jirrizulta li l-habta grat fl-14 ta' Lulju, 2000. Skond l-Avviz, giet ipprezentata Ittra Ufficjali fit-8 ta' Frar, 2002. B'din l-Ittra Ufficjali gie debitament notifikat Malcolm Mifsud kif jirrizulta mid-dokument a fol 39 tal-process. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi michuda.

Illi l-ircevuti esebiti jidhru ragunevoli u l-konvenuti ma ressqu ebda prova kontra dawn l-ircevuti.

Ghaldaqstant filwaqt li jichad ir-Risposta tal-konvenut Mifsud jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1,198.18c (elf mija u tmienja u disghin lira Maltin u tmintax-il centezmu) bl-imghax mid-data tan-notifika fil-Gazzetta Lokali cjoe' l-11 ta' Settembru, 2003 bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------